# IL-MILIEDTAL-QATTUS U L-GURDIEN

Kien lejliet il-Milied tard bil-lejl, meta nizlet hafna borra u silg tant li l-haxix deher qisu kutra wiesa bajda. Il-qattus Tommy li kien frustrat hafna, sab ruhu barra d-dar ta' Fredu, iterter bil-bard.

Matul in-nofs ta 'nhar ta' filghodu, l-qattusa kienet ilha tistenna l-mument biex taqbez u tahtaf taht difrejha lil Martina, gurdiena ta' l-ghelieqi. Martina bezghet hafna u bdiet tigri 'l hawn u 'l hinn biex tevita li tkun maqbuda mill-qattusa. Waqt li l-qattusa kienet qed tigri warajha laqghtet il-vazun tar-rokna u sar elf bicca. Kien hawn li Fredu qabadha minn ghonqa u xehitha 'l barra mid-dar. Kemm xtaqet li tkun gewwa mkebba quddiem in-nar tac-cumnija fis-salott.

Martina kienet kuntenta u ser ittir bil-ferh li helset minn Tommy il-qattus imma daqshekk iehor kien inkwetat Tommy li wasal hin it-te u hu ghadu barra jirzah bil-kesha. Malli kienet libera li tigri fejn trid, hija griet girja wahda ghall-mohba taghha fil-kamra ta' fuq nett fejn Fredu kien jerfa' l-imbarazz kollu tad-dar. Hemm halliet lir-ragel taghha wahdu u xtaqet li taghmillu kumpanija minghajr dewmin. "Min jaf kemm qed jinkwieta li domt, forsi jista jahseb li grali xi haga. Hawn fid-dar ghandna periklu kbir hafna", qalet bejna u bejn

ruhha.

Hekk ukoll Tommy haseb bejnu u bejn ruhu: " Wahda taghmel toghma tajba ahseb u ara Martina flimkien ma zewgha x'ikla tajba jaghmlu," filwaqt li baram tnejn mustaccih. L-ikla tal-Milied li haseb kien ser jaghmel fallietlu.

Tommy qaghad jistenna l-opportunita' biex jerga' jidhol gewwa bil-pacenzja. Ghalxejn beda jinghi bit-tama li Fredu jerga' mill-gdid idahhlu gewwa. Barra kien u barra baqa' . Izda gieh ic-cans u ma tilfux; bi ftit tal-hsieb kellu jkun gewwa fi ftit mumenti. Sema' il-passi gejjin lejn in-naha tal-bieb u malajr mar jitgezzez b'mod li ma jidhirx wara qasrija li kienet fid-dahla tal-bieb. Ma marx zmerg fi hsiebu ghax Fredu fetah il-bieb u hallih imbexxaq biex imur ghal xi tizjin tal-Milied li kien halla fil-karozza gol-garaxx. Hekk kif Fredu kien boghod mill-ghajn, Tommy il-qattus zgicca gewwa u b'girja wahda telqilha biex jistahba wara l-pultruna fis-salott. Izda sab il-bieb msakkar. Imbaghad telqiha ghal kamra li taghti ghall-bitha. Hemm kienet tinhass il-kesha ghax il-kamra kienet umda, izda ahjar minn barra fis-silg zgur. Intelaq f'rokna, gibed xi ftit hwejjeg mahmuga li mart Fredu poggiet f'rokna biex l-ghada tahsilhom u raqad.

Nesa' li bhal dak iz-zmien is-salott kien post li fih ma setghax jidhol minhabba l-istragi li ghamel is-sena ta' qabel. Kemm kien qabez mas-sigra u ddendel maghha! Kisser il-bozzoz u wasal biex sahansitra waqqaghha fl-art. U dan mhux kollox. Il-hamrija tal-qasrija xterdet fuq t-tapit lewn car li kien ghadu



kif xtara Fredu; u l-ikel li Fredu kien qieghed taht is-sigra ghal meta jigu l-mistednin kollu naqqru Tommy. Dan ma felhax ghalih u wara li ta xeba kif tmiss il-ligi, lil qattus Tommy wissieh li dik il-kamra kienet maghluqha ghalih tul iz-zmien kollu tal-festi tal- Milied. U l-kamra sakkarha sew. Fredu ha pacenzja, xtara bozzoz ohra biex ibiddel dawk imkissra u rega' rama' kollox bil-pacenzja.

Martina kienet tafha sewwa t-triq ghall-bejta taghha. Ghaddiet minn toqba zghira wara l-gradenza fil-kamra tas-sodda ta' Fredu u sabet ruhha f'passag zghira bejn zewg hitan. Mxiet bi tbatija sa ma sabet ruhha hdejn toqba ohra wara hawt ta' l-ilma u li minnha harget fil-bitha. Kienet xorti tajba ghaliha li Fredu qatt ma induna b'din it-toqba ghax zgura kien isoddha u dhul iehor ma kienx ikollha ghad-dar ckejkna taghha fil-kamra ta' fuq. Tat harsa attenta 'l hemm u 'l hawn u b'girja wahda hafifa dahlet fil-katusa li minnha kien jinzel l-ilma tal-bejt. Maghha setghet tiggranfa b'heffa liema bhala ghax minn gewwa il-katusa ma kienet lixxa xejn. F'radda ta' salib waslet fuq il-bejt u griet lejn taht

il-bieb biex tidhol fil-kamra ta' fuq. Sabet ruhha fid-dlam izda wara ftit sekondi ghajnejha draw id-dlam u fi ftit sekondi dahlet fil- bejta taghha gol-hajt minn wara l-imbarazz.

Hekk kif rah zewgha ha nifs 'l gewwa u tajjar kull inkwiet li kellu. Kienu ilhom xi nofs siegha kwieti flimkien meta rih ta' ikel taqsam il-qlub fethitilhom l-aptit. Iddecidew li jaslu sal-post min fejn kienet gejja r-riha. Ghaddew minn passaggi u minn taht l-art ta' l-injam tal-kmamar sa ma waslu fis-salott fejn Fredu flimkien mal-familja tieghu kienu qed jieklu u jixrobu ghal-okazzjoni tal-festa tal-Milied.

Hargu rashom minn wara is-"central heating" u marru jistahbew taht is-sufan. "Issa la qeghdin hawn ingawdu minn dak li jibqa' wara," qalet Martina lil zewgha. Zewgha qabel maghha u stennew fuq li stennew bis-sabar kollu; fl-ahhar l-pacenzja taghhom ippremjathom. Kienu s-siegha ta' filghodu meta l-mistednin telqu u Fredu sab ruhu wahdu ma' martu. "Ara inhallu kollox ghal ghada. Inaddfu ghada. Issa immorru nistriehu ghax il-lejl dahal gmielu." Tfew id-dawl u telghu jorqdu.

Id-dlam tal-kamra kien miksur mit-teptip tad-dawl tas-sigra tal-Milied. Martina l-gurdiena u zewgha hargu mill-mohba taghhom u bdew jieklu minn dak kollu li sabu. Zaqqhom intliet bil-kbir li ma felhux jimxu aktar. "Mank li kien hekk is-sena kollha," qalilha zewgha. F'daqqa wahda minghajr ma kienu jistennewha raw par riglejn homor nizlin mic-cumnija.

Kien Father Christmas, ragel liebes ilbies ahmar u zaqqu kbira bi xkora mimlija daqs bajda bir-rigali. Rawh ihares madwar il-kamra u x'hin ra platt mimli mince pies hareg idejh biex jiehu wahda. Dahhalha kollha f'halqu u belaghha. Ghogbitu u ha xi tnejn ohra. Induna li fuq il-mejda kien ghad hemm flixkun bix-xorb, resaq lejh, fethu u mela t-tazza bil-wisky. Dak il-grokk doppju nizillhu ghasel f'dik il-kesha ta' lejliet il-Milied. Pogga t-tazza fuq il-mejda, fetah l-ixkora u halla d-doppju ta' rigali li kien ihalli s-soltu bhala kumpens ta' l-ikel u x-xorb li ha. Kemm kienu ser jifirhu t-tfal ta' Fredu bir-rigali li gabilhom Father Christmas. Imbaghad Father Christmas ma harigx bil-mod li gie izda mill-bieb tal-bitha. X'hin ra lil Tommy il-qattus gietu hniena minnu. Fetah l-ixkora u hallielu kannestru bl-imhadda biex Tommy jaghmlu s-sodda tieghu. Father Christmas kellu qalbu tajba ma' kulhadd.

Il-grieden hadu pjacir b'dak li raw. Waqt li kienu sejrin lura dahlu go tazza li halla Father Christmas fuq il-mejda biex jilghaqu l-ahhar qtar tal-wisky; ghalkemm ghogobhom qarsu xi ftit wicchom ukoll. Sfortunatament laqtu tazza ohra fil-qrib, waqt li kienu hergin b'lura mit-tazza tal-wisky. Din waqghet fl-artu nkisret.

Dak il-hoss qajjem lil Fredu. Iz-zewgt igrieden haffew biex imorru lura lejn il-mohba taghhom izda b'biza kbir taghhom indunaw li ma setghux jidhlu mit-toqba ghaliex zaqqhom kienet kibret bl-ikel. Sadanitant Fredu lahaq wasal, xeghel id-dawl u ma ra l-hadd. Martu nizlet warajh u twerzieqa qawwija hasdet lil Fredu. "Ghedtlek li fid-dar

ghandna l-grieden." U wrietu zewgt igrieden maqbuda f'rokna minghajr ma jiccaqilqu. Fredu neza' il-papocca biex b'daqqa qawwija joqtolhom izda dawn taw salt u harbu mill-bieb miftuh. Grew mad-dar kollha biex isibu kenn ta' mohba.

Fredu tela' fil-kamra ta' fuq u gab nassa. Pogga ftit gobon tajjeb li gab mill-kcina u hallieha l-lejl kollu. "Ghada jispiccaw minn wicc id-dinja," qal Fredu lil martu. Martina u zewgha regghu sabu ruhhom fid-dlam inkiss inkiss sabu trieqthom ghall-bitha. Fir-rokna raw lil Tommy rieqed bil-kannestru sodda hdejh. Inkiss inkiss fuq ponot subghajhom biex ma jaghmlux hoss marru lejn il-katusa biex isibu triqthom mill-gdid lejn il-bejta taghhom. Huma raqdu fil-fond ghax kienu jafu li hemm fuq ma jezisti ebda periklu ghalihom.